MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 28/2012

**Salvu Attard u Frances Attard**

**Vs**

**Ernest Vella u Carol Borg**

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba prezentat fl-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu is-somma ta' elfejn tlett mija u erbgha u disghin Ewro (€2394) dovuti kwantu ghal elf mitejn u sebgha u erbghin Ewro (€1247) ghal arretrati tal-kera tal-fond "Our Dream", Triq Santa Katerina, Xewkija, Ghawdex, u kwantu ghal elf mija u sebgha u erbghin Ewro (€1147) fi hlas ta' servizzi ghal dawl u ilma fl-istess fond. Dan bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittri u mandat imsemmija fl-avviz tat-talba.

Ra illi l-konvenuti qatt ma kienu notifikati formalment u qatt ma pprezentaw risposta izda fin-nota ta’ ammissjoni taghhom tas-26 ta’ Ottubru 2012, taw ruhhom b’notifikati.

Ra n-nota ta’ ammissjoni tas-26 ta’ Ottubru 2012 fejn giet spjegata t-tranzazzjoni ragunta.

Ra l-verbal tas-seduta tal-6 ta’ Novembru 2012 li permezz tieghu d-difensuri tal-partijiet qablu li tinghata sentenza a bazi ta’ dak indikat fin-nota ta’ ammissjoni; u li permezz tieghu din il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-partijiet qed jitolbu sentenza a bazi ta’ tranzazzjoni milhuqa, u mmfissra fin-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuti tas-26 ta’ Ottubru 2012.

It-Tribunal ma jara l-ebda ostaklu li jakkolji din it-talba u jaghti sentenza a bazi ta’ l-istess tranzazzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront ta’ l-atturi fis-somma ta’ elf tlett mija u hamsa u sebghin ewro (€1375), li ghandhom jithallsu mill-konvenuti lill-atturi f’rati mensili ta’ mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€125) pagabbli f’kull hmistax il-jum ta’ kull xahar. L-ebda imghaxijiet ma jkunu dovuti sakemm il-konvenuti josservaw il-hlasijiet mifthema. Spejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------